**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Frar 2020.**

**Rikors nru: 225/2017 AGV**

**AB ( 428181 M)**

**Vs**

**CD ( 31973A)**

**Direttur Registru Pubbliku,**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u PL Davina Sullivan li permezz ta' digriet datat 13 ta' Marzu 2018 gew mahtura bhala kuraturi deputati ghal minuri EBD.**

**FG ( 314959M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB tad- 9 ta' Ottubru 2017, fejn espona bir-rispett u kkonferma illi:-**

1. Illi l-kontendenti konjugi B izzewwgu fit- 13 ta' Ottubru 2010, f' Dalian Municipal Civil Affairs Bureau China, u liema zwieg gie debitament rregistrat fir-registru pubbliku f' Malta bin-numru tac-certifkat 2217/2010 ta' nhar il- 25 ta' Novembru 2010 u dan kif qed jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok A;

2. Illi fit- 28 ta' Jannar 2014 twieldet tifla mill-intimata bl-isem ta' EBD u dan skont kif jirrizulta mil-anness certifikat tat-twelid numru 795/2014 mmarkat Dok. B, li fih l-attur gie mnizzel bhala l-missier tal-imsemmija tifla minuri.

3. Illi minkejja dan kollu l-attur qatt ma kellu relazzjoni intima mal-intimata CD kemm qabel kif ukoll wara d-data taz-zwieg, tant li dawn qatt ma ghexu flimkien u fil-fatt l-validita' taz-zwieg taghhom qed tigi apprezzata f'kawza li giet intavolata quddiem l-istess Qorti bir-rikors guramentat numru 214/2017 AL fejn qed fost ohrajn qed jintalab id-dispensa taz-zwieg abbazi tal-artikolu 19A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi l-imsemmija minuri EBD mhix il-wild naturali u bijologiku tal-attur , izda hija l-frott ta' relazzjoni adultera da parti tal-istess konvenuta ma' ragel iehor.

5. Illi mid-data taz-zwieg u anke qabel iz-zwieg il-kontendenti konjugi B ma kellhom qatt ebda rapporti bejniethom.

6. Illi minflok il-konvenuta bdiet relazzjoni ma’ ragel iehor bir-rizultat illi frott tal-istess relazzjoni twieldet il-minuri E.

7. Illi jista’ jkun li l-wild hija tal-intimat FG.

8. Illi l-konvenuta stess taf li l-imsemmija minuri ma hiex it-tifla naturali tal-attur.

9. Illi ghalhekk hu mehtieg li jigi dikjarat li t-tifla E mhix il-wild naturali u bijologika tal-attur.

10. Illi jehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifkat tat-twelid tat-tarbija registrata mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

11. Illi ghalhekk kellu jigi intavolat dar-rikors guramentat.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghed ghall -ragunijiet imsemmija bil-qima jitlob lli din l-Qorti joghgobha prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmija minuri EBD ma hix it-tifla naturali u bijologika tal-attur b’ mod ghalhekk illi hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid, tal-imsemmija minuri f’ das-sens.

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid, tal-imsemmija minuri EBD numru; 795/2014 billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha ta’ l-attur u l-istess jigu sostitwiti b’ dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku datata 26 ta' April 2018;**

1. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva l-avukat generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-artiklu 181 B (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghal-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2.Illi preliminarjament, l-attrici teccepixxi illi l-attur ma ddikjarax ai termini ta' liema artiklu qed tigi imsejsa dil-azzjoni. Stante, dan bil-permess ta' dina l-Qorti, l-esponenti tirriserva d-dritt taghha li tissolleva eccezzjonijiet ulterjuri meta l-attur jiddikjara l-artikolu tal-Ligi u dan jekk dejjem ikun il-kaz.

3. Illi bla pregudIzzju ghas-suespost l-esponenti tistqarr li hu mhix edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi bla hsara ghall-premess, l-attur jehtieg li primarjament jipprova u jissodisfa minn tal-anqas wahda mir-rekwiziti elenkati fl-artikolu 70 sub inciz 1, tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta. Ghal dan l-ghan l-esponenti hija tal-umli fehma li ghandu jitqabbad perit minn dina l-Qorti sabiex isir test tad-DNA u dan galadarba tali test huwa indubjament l-ahjar prova;

5.Illi minghajr pregudizzju ghal premess u tenut kont tal-fatt illi l-minuri ghandha kwazi erba' snin, l-attur fl-istess waqt jeghleb il-prezunzjoni legali mahluqa ai termini tal-artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentament juru li l-pussess ta' stat tal-minuri EBD ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

6. Illi fl-eventwalita' li tigi sorvolata l-eccezzjoni numru 4, u kif ukoll mit-testijiet xjentifici , jirrizulta li l-minuri EBD, hija l-bint naturali tal-konvenut FG, l-esponenti tistieden lil G sabiex permezz ta' nota, jipprezenta d-dettalji tieghu u cioe, numru tal-karta tal-identita', ismu u kunjomu, l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, isem u kunjom missieru , u jekk l-imsemmi missier paten kienx ghaud haj meta twildet il-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserta fl-att tat-twelid tal-minuri;

7. Illi bla pregudizzju ghas-suespot, il-partijiet kontendenti ghandhom ukoll jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi subordinament u dejjem bla hsara ghas-suespost f' kaz li dina l-Qorti tilqa' it-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem l-attur, senjatament il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati it-taghrif dwar l-omm, ghandhom jigu kkancellati mil-att tat-twelid ta' EBD;

9. Illi finalment l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi ghemil jew xi nuqqas ta' agir tad-dipartiment u ghaldaqstant, ma ghandhix tigi assoggetta ghal-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta CD baqghet kontumaci.

Rat illi l-attur, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2019, permezz ta' nota ceda l-kawza fil-konfront tal-konvenut FG, peress illi baqa' mhux notifikat.

Rat illi, ghalkemm il-kawza kienet qed titmexxa bil-lingwa Ingliza, ghall-beneficcju tal-konvenuta CD, l-atti baqghu pprezentati bil-Malti, ghalhekk is-sentenza qed tinkiteb bil-Malti.

**IKKUNSIDRAT**

Fis-seduta tat-Tlieta 9 ta' April, il-Qorti osservat li meta dehret il-konvenuta, hi qablet li l-minuri EBD, ma hix il-wild tal-attur.

Illi l-partijiet inghataw diversi opportunitajiet minn dina l-Qorti sabiex jigu sottoposti l-attur u l-minuri ghat-testijiet, izda dawn qatt ma saru.

Dawn it-tip ta' kawzi ta' denegata' paternita' jirrikjedu mhux biss provi li l-attur u l-konvenuta kienu fl-impossibilita' fizika li jaghmlu tarbija, izda dawn il-fatti mbaghad iridu jigu msahha permezz tat-testijiet genetici li generalment huma l-aqwa prova konkreta biex tigi kkonfermata l-paternita' ta' minuri.

Inoltre, peress illi l-attur ceda l-kawza fil-konfront tal-konvenut G, li kieku l-azzjoni tieghu kienet tirnexxi, il-minuri tigi dikjarata bhala wild ta' missier mhux maghruf, haga li l-Qorti difficilment tkun lesta tikkonsidra f'dan l-istadju u f'dan il-kaz partikolari. L-impressjoni li l-Qorti nghatat

hija li l-attur u l-konvenuta D kienu ftehmu bejniethom li l-attur mhux il-missier naturali, izda huwa l-konvenut G. Jekk huma hekk il-fatti, dawn kellhom jigu ppruvati skond il-ligi permezz ta' provi xjentifici. L-istat ta' minurihijiex wild ta' missier jew ta' iehor, jew sahansitra ta' missier mhux maghruf, m'ghandhiex tigi determinata skond il-htigijiet u l-konvenjenza tal-adulti, izda skond il-ligi u l-provi prodotti.

F'dan il-kaz, il-provi kienu ghal kollox karenti, u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tichad it-talbiet attrici. Fid-dawl ta' dan kollu, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi li ma jezistux bizzejjed ragunijiet sabiex it-talbiet attrici jigu milqugha u ghaldaqstant qed jigu lkoll respinti.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti-

Tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez ghall-attur.

**Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**